4 ta' Marzu, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

John Seychell *versus* Emmanuele Farrugia

## Azzjoni "de in rem verso" — Azzjoni Sussidjarja — Ċitazzjoni.

*L-azzjoni "de in rem verso" hija esperibbli "in subsidium", wara li l-kreditur ma jkunx irnexxielu jitħallas mid-debitur tiegħu; tant li dina l-proċedura kontra d-debitur għandha ssir f'ġudizzju separat, u ma tistax tiġi kumulata fl-istess ġudizzju kontra d-debitur għall-ħlas tad-dejn tiegħu.*

*Fl-azzjoni sussidjarja l-preżenza tad-debitur mhix indispensabbli; għaliex fil-konfront tiegħu d-dejn ikun ġa irrevokabbilment aċċertat; u l-kwistjoni jekk il-verżjoni kienetx utili jew le hija kwistjoni ta' provi, u ċertament id-debitur huwa l-aħjar xhud biex jistabbilixxi din iċ-ċirkustanza.*

*Għaldaqstant mhix irritwali ċ-ċitazzjoni li biha l-kreditur jistitwixxi l-azzjoni "de in rem verso" mingħajr ma jħarrek fiha wkoll id-debitur.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u meħudin il-provvedimenti opportuni, peress li, in difett ta' manteniment da parti tal-

konvenut lill-martu Mary Farrugia, dina rrikorriet għand l-attur u otteniet mingħandu l-manteniment neċessarju għaliha għall-perijodu ta' bejn it-28 ta' Diċembru, 1953 u d-9 ta' April, 1954, ammontanti għal £41.4.0, u otteniet ukoll minn għandu l-bżonnijiet essenzjali l-oħra għall-ħwejjeġ tat-tarbija li kien sejjer ikollha, u bżonnijiet oħra essenzjali ammontanti għal £12; talab li l-konvenut, minħabba r-raġunijiet fuq esposti, jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £53.4.0, jew somma verjuri li din l-Onorabbli Qorti tillikwida permezz ta' periti nominandi, jekk ikun hemm bżonn. Bl-ispejjeż, u bl-interessi legali minn notifika;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi d-domanda ta' l-attur hija infondata fid-dritt u fil-fatt, għaliex l-eċċipjent qatt ma inkarika jew talab lill-attur imantnilu lill-martu;

Rat il-verbal tad-9 ta' Diċembru, 1954 (fol. 7), mnejn jidher illi l-konvenut irrileva illi ċ-ċitazzjoni hija irritwali peress illi d-debitriċi mhix fil-kawża, mentri illi l-attur osserva illi l-preżenza tagħha mhix essenzjali, iżda għall-bżonn talab li hija tkun imsejħa fil-kawża;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita irritwalità taċ-ċitazzjoni;

Illi mill-mod kif tinsab formulata ċ-ċitazzjoni jidher — kif, del resto, lanqas ma hu kontestat — illi l-attur qiegħed jeżerċita l-azzjoni "de in rem verso";

Illi hija ormaj ħaġa magħrufa illi l-azzjoni hija esperibbli "in subsidium", jiġifieri wara li l-kreditur ma jkunx irnexxielu jitħallas mid-debitur tiegħu; tant hu hekk li dina l-proċedura kontra d-debitur għandha ssir f'ġudizzju separat, u ma tistax tiġi kumulata fl-istess ġudizzju istitwit kontra d-debitur għall-ħlas tad-dejn tiegħu (Kollez. VIII, 863). Minn dana jidher illi fl-azzjoni sussidjarja l-preżenza tad-debitur mhix indispensabbli; għaliex fil-konfront tiegħu d-dejn ikun ġa irrevokabbilment aċċertat (ara każ simili riportat fil-Kollezzjoni, XXVIII-I-923). Il-kwistjoni, imbagħad, jekk il-versjoni kienetx utili jew le hija kwistjoni ta' provi; u ċertament id-debitur huwa l-aħjar xhud biex jistabbilixxi dina ċ-ċirkustanza;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċepita irritwalità tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; u tiddifferixxi l-kawża għall-20 ta' Mejju, 1955, biex titkompla fil-meritu.